MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1315/2000/1

**Emmanuel Bonello bhala Kontrollur ghan-nom u in rappresentanza tal-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL)* u b'nota tat-12 ta' Frar, 2003, Raymond Gatt bhala wiehed mill-*partners* ta' *"Gatt, Galea & Co"*, qed jassumi l-atti tal-kawza minflok il-Kontrollur precedenti Emanuel A. Bonello**

**vs**

**Ernest Gaffiero**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur *nomine* fis-26 ta' Gunju, 2000, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Il-konvenut kellu *"overdraft account"* mal-attur li jgib in-numru ta' vc 3045;

Il-konvenut huwa debitur ta’ l-attur ghas-somma ta’ erbat elef, sitt mija u hamsa u hamsin Lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu u sitt millezmi (Lm4,655.44,6) rapprezentanti l-bilanc ta’ somma akbar mislufa lill-konvenut kif jirrizulta mill-*statement* datat 22 ta’ Dicembru, 1972, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

Ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas is-somma fuq imsemmija, permezz ta’ ittra ufficjali datata 23 ta’ Lulju, 1998 li qed tigi hawn annessa u mmarkata (Dok B), huwa baqa’ inadempjenti;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

(1) Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta’ l-attur ghas-somma ta’ erbat elef, sitt mija u hamsa u hamsin Lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu u sitt millezmi (Lm4,655.44,6);

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija u tiffissa zmien qasir u perentorju ghal dan l-iskop;

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

1. It-talbiet ta’ l-attur *nomine* huma preskritti *a tenur* ta’ l-artikolu 2156(e) *in kwantu* jirrigwardaw ammonti mislufa lill-eccipjenti;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ l-attur *nomine* huma preskritti *a tenur* ta’ l-artikolu 2156(d) *in kwantu* jirrigwardaw imghaxijiet fuq ammonti mislufa lill-eccipjenti;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet ta' l-attur *nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-eccipjenti ma baqghalu ebda pendenza mal-*Bank of Industry, Commerce* u *Agriculture Limited (BICAL)*;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Mejju, 2002, li in forza taghha cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez kontrih, ghaliex m'humiex imsejsa fil-ligi, u ddikjarat li l-azzjoni attrici ma waqghetx bil-preskrizzjoni, u ordnat li s-smiegh tal-kawza jissokta bil-gbir tal-provi fil-meritu;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta li f'April tal-1972, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Frank Xavier Dingli, l-imharrek kien iddikjara lilu nnifsu bhala debitur cert u likwidu tal-*Bank* attur fis-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000), rapprezentanti ghadd ta' somom mislufa lilu zmien qabel *brevi* manu, liema somma kellu jhallasha lura fi zmien tlett (3) snin minn dakinhar u bl-imghaxijiet legali li beda jghaddi minn dak inhar tal-att u li kellu jithallas kull sitt (6) xhur b'lura. L-imharrek rabat id-dikjarazzjoni tieghu b'ipoteka specjali fuq gid immobbiljari tieghu;

Illi l-imsemmija rabta giet insinwata fir-Registru Pubbliku, b'Nota tal-Iskrizzjoni numru 2391 tal-1972;

Illi sa Dicembru ta' dik is-sena, l-bilanc dovut mill-imharrek kien nizel ghal erbat elef sitt mija u hamsa u hamsin lira

Maltija u erbgha u erbghin centezmi u sitt millezmi (Lm4,655.44,6), kif jidher minn stqarrija ffirmata mill-imharrek innifsu. Wara medda ta' snin, jidher li l-*Bank* attur interpella lill-imharrek b'ittra ufficjali f'Lulju tal-1998. Ghalkemm mill-1973 'il quddiem l-imharrek telaq jghix barra minn Malta, kien hemm zminijiet li fihom kien jigi jqatta' xi jiem f'Malta. Hu jghid li, waqt zjara minnhom fl-1977, wettaq hlas akkont tal-imsemmi dejn lil-likwidatur tal-*Bank* ta' dak iz-zmien, tant li hemm ricevuta bid-data tat-28 ta' Dicembru, 1977. Bejn Dicembru tal-1977 sa Lulju tal-1998, ma kien ircieva qatt talba miktuba mill-*bank* dwar dak li kien fadallu jaghti.

Naturalment, l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat; inkella fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju *"actor non probante, reus absolvitur"* – ara "Dalli vs Balzan", deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003. Kif inghad mill-Phipson, *"On Evidence"* ($11^{th}$ Edit. para. 91), r-regola *"Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case".*

Mill-provi prodotti, l-Qorti sodisfatta li l-attur *nomine* irnexxielu jipprova l-kreditu tieghu. Dan il-kreditu jirrizulta mhux biss mill-kuntratt pubbliku tal-10 ta' April, 1972, izda wkoll mid-dikjarazzjoni tal-konvenut li hu iffirma fit-22 ta' Dicembru, 1972, li fiha stqarr li hu jaqbel li l-bilanc li ghandu mal-*Bank* attur huwa ta' Lm4,655.45.

Darba, dan hu ppruvat u ammess, sta issa ghal-konvenut li jipprova l-pagament. Kif intqal, din il-prova tista' ssir mhux biss bil-produzzjoni ta' ricevuta, izda b'kull mezz iehor permezz mil-ligi; huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkustanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali – ara "Cini vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju, 1982, u "Buttigieg vs Portelli", deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 1976. Intqal, *pero'*, li *"fl-assenza ta' ricevuti, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-*

*gudikant"* – "Zammit vs Galea", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003; f'kaz li jkun hemm xi dubbju, dak id-dubbju ghandu jigi resolut favur l-attur – ara "Borg noe vs Buckle noe et", deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2002, u l-gurisprudenza hemm kwotata.

Mill-provi, jirrizulta biss b'mod sodisfacenti li l-konvenut kien ghamel pagament akkont fit-28 ta' Dicembru, 1977. Il-konvenut esebixxa kopja ta' ircevuta li fuqa hemm miktub li hu hallas Lm2,000 akkont tad-dejn li kellu mal-attur *nomine*; din l-ircevuta kienet giet iffirmata mill-Kontrollur precedenti tal-*Bank* attur, Dr. Karmenu Mifsud Bonnici, li xehed u kkonferma l-kontenut taghha. L-istess Dr. Mifsud Bonnici spjega illi kull meta kienu jsiru pagamenti, hu kien *"dejjem"* johrog ircevuta f'isem il-*Bank*, u ghalkemm ma setax jeskludi li jkun aljena milli jinnota xi pagament partikolari fil-*cash-book*, hu stqarr li rcevuta *"irid ikun hemm zgur"*. Kif inghad, il-konvenut ricevuta wahda biss wera, u ghalkemm jallega li ma baqghalux pendenzi mal-*Bank* attur, ma saretx prova sodisfacenti ta' dan, mehud kont ukoll tal-fatt li l-Kontrollur precedenti kien jafu lill-konvenut u xehed li, sa fejn kien jiftakar mill-memorja, *"da parti tal-konvenut pagamenti ma sarux lili"*. Hu irrikonoxxa l-pagament akkont ta' Lm2,000 ghax ra l-ircevuta li wrieh il-konvenut, izda fin-nuqqas ta' produzzjoni ta' rcevuti ohra, din il-Qorti ma taccettax l-allegazzjoni tal-konvenut li d-dejn gie estint. Darba li l-attur *nomine* ikkonferma li skond il-kotba tal-*Bank*, il-kreditu kien jidher veljanti, kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova l-pagament minnu allegat; din il-prova ghamilha biss *in parte*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet moghtija, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' *in parti* t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm2,655.45 (elfejn u sitt mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu), bl-imghax legali ta' 8% mit-23 ta' Lulju, 1998, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jithallsu xorta wahda kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------